# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **762/21 AD**

## FODHA BUILDING SOLUTIONS LIMITED (C-93312)

**VS**

## EMANUEL BALDACCHINO (K.I. 368682M)

**Seduta ta' nhar It-Tlieta, 8 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għal dikjarazzjoni illi l-intimat Emanuel Baldacchino huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tnejn u erbghin elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (Eur 42,294.06), u ordni sabiex jitħallas l-istess ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta' rikorrenti, liema talba saret permezz ta' rikors tas-soċjeta' Fodha Buildings Solutions Limited preżentat fit-tlieta (3) ta' Awwissu 2021 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar it-tlieta (3) ta' Awwissu 2021, l-Avukat Jianni Grima, in rappreżentanza tas-soċjeta' rikorrenti Fodha Building Solutions Ltd, ikkonferma bil-ġurament tiegħu is-segwenti:

    a. Illi s-soċjeta' rikorrenti ezegwiet xogholijiet ta' tikhil u xogholijiet ohra ancillari gewwa proprjeta' fl-Imsida fuq inkarigu u ghall-beneficcju tal-intimat.

    b. Illi ghal dawn ix-xogholijiet l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tnejn u erbghin elf, mitejn u erbgha u disghin ewro u sitt centezmi (Eur 42,294.06), kif jirrizulta mill-Istatement hawn anness bhala Dok 'B'.

    c. Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet illi sarulu l-intimat naqas milli jhallas lis-socjeta' rikorrenti tali hlas minnu lilha dovut.

    d. Illi d-dejn li ghandu l-intimat fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' tnejn u erbghin elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (Eur 42,294.06) huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti l-intimat m'ghandu ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi biex jilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti.

3. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

    i. Tiddispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tiddeciedi din il-kawza skond procedura specjali sommarja;

    ii. Tiddikjara lill-intimat huwa veru, certa u likwidu debitur tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' tnejn u erbghin elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (Eur 42,294.06) ghar-ragunijiet fuq premessi;

iii. Konsegwentement tikkundanna lill-intimat biex ihallas lis-socjeta' rikorrenti l-imsemmija somma ta' tnejn u erbghin elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (Eur 42,294.06).

Bl-ispejjeż tal-prezenti u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti Fodha Building Solutions Limited datat tlieta (3) ta' Awwissu 2021;

5. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe rizoluzzjoni (**Dok A**) u statement (**Dok B**).

6. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tal-hdax (11) ta' Awwissu 2021 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tal-Gimgha, sbatax (17) ta' Settembru 2021, b'ordni lill-intimat sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tas-soċjeta' attriċi, u, li fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi;

7. Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2021, il-kawza giet differita ghan-notifika tal-intimat ghad-19 ta' Ottubru 2021.

8. Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2021 il-Qorti awtorizzat lis-soċjeta' attriċi sabiex wara li jsir tentattiv ta' notifika wara l-hinijiet legali, tinnotifika lill-intimat bil-proċedura tal-affissjoni u bil-pubblikazzjoni u ddiferiet il-kawza ghas-26 ta' Novembru 2021.

9. Rat illi l-intimat gie notifikat bir-rikors guramentat, bid-digriet tal-appuntament tal-kawza u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fid-19 ta' Novembru 2021 fejn thalliet kopja tal-istess fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San

Gwann, fil-Kunsill Lokali ta' San Gwann u fil-fond tal-intimat skond riferta tal-marixxall John Francica (a fol. 13 tal-atti).

10. Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru 2021 u dawk sussegwenti tas-16 ta' Dicembru 2021, 18 ta' Jannar 2022, 17 ta' Frar 2022, 26 ta' April 2022, 9 ta' Gunju 2022, 7 ta' Lulju 2022 u tad-29 ta' Settembru 2022 fejn il-kawza thalliet ghat-8 ta' Novembru 2022 ghan-notifika tal-intimat permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-gazzetti lokali.

11. Rat illi l-intimat gie notifikat permezz tal-Gazzetta tal-Gvern datata 1 ta' Lulju 2022 u sussegwentement gie notifikat wkoll permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta l-Orizzont datata 24 ta' Ottubru 2022.

12. Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 il-konvenut Emanuel Baldacchino msejjah diversi drabi ma deherx.

13. Rat l-Artikolu 170(1) tal-Kap 12;

14. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

15. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-**ewwel talba** tas-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota illi kien minħabba illi l-konvenut kien għadu ma ġiex notifikat bir-rikors ġuramentat illi ma ngħatatx sentenza waqt is-sedua tas-17 ta' Settembru 2021. In oltre, lanqas kien għadu ġie notifikat sas-seduta tad-29 ta' Settembru 2022, u kien għalhekk illi l-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawża għal darb'oħra.

16. Fit-tieni lok, in konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenut sabiex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smiegħ, il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tas-socjeta'-rikorrenti għandha tintlaqa';

17. Fit-tielet lok, il-Qorti tqis illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tnejn u erbghin elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (Eur 42,294.06) rapprezentantanti l-prezz ghal xogholijiet ta' tikhil u xogholijiet ohra ancillari gewwa propjeta' fl-Imsida.

18. Il-Qorti tqis ukoll illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi l-konvenut naqas milli jħallas lis-socjeta' attriċi l-istess ammont u dan skont dak indikat u konfermat bil-ġurament minn Dr Chris Cilia waqt l-udjenza tal-llum u minn Dr. Jianni Grima fir-rikors guramentat liema fatt <u>ma ġiex kontestat mill-konvenut minkejja illi ngħata minn din il-Qorti l-possibilta' kollha mogħtija lilu mil-liġi sabiex jagħmel dan</u>;

19. In vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tikkonkludi illi t-talba tas-socjeta' rikorrenti għall-ħlas tal-ammont indikat aktar il-fuq hija ġustifikata stante illi tirriżulta pruvata;

20. F'dak illi jirrigwarda t-talba tal-attriċi għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

21. Il-każ odjern si tratta dwar ezeguzzjoni ta' xoghlijiet ta' tikhil u xogholijiet ohra ancillari u ghalhekk obligazzjoni ta' natura kummercjali u jinkwadra ruħu fis-sub-inċiż (1) suċitat.

**Decide**

22. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>'** l-ewwel talba attriċi, u, konsegwentement,

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba tas-socjeta' attrici u tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrci fis-somma ta' tnejn u erbghin elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (Eur 42,294.06).

(iii) **<u>Tilqa' t-tielet talba u tordna</u>** lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attrici s-somma tnejn u erbghin elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (Eur 42,294.06) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat Emanuel Baldacchino.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**